**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi

## ĠURNATA MISSJUNARJA 2015

## 'Agħtini nixrob.' (Ġw 4:7)

Nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru 2015 niċċelebraw il-Ġurnata Missjunarja.

Aħna nifirħu li l-Arċidjoċesi tagħna matul is-snin bagħtet eluf minn ħutna l-Maltin fl-artijiet tal-missjoni. Fil-preżent mijiet ta' Maltin, anke jekk ħafna minnhom f'età avvanzata, għadhom jagħtu qalbhom u l-enerġija kollha tagħhom biex iwasslu l-ferħ tal-Evanġelju u jgħinu anke materjalment u soċjalment lil eluf kbar ta' nies f'ħafna pajjiżi. Ħafna minn dawn, kif ifakkar Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja, huma membri fl-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata.

Il-Ġurnata Missjunarja għandha torjentana biex ikollna viżjoni universali tal-Knisja li "teżisti biex tevanġelizza" (*Evangelii nuntiandi,*14). F'dan il-jum irridu nitolbu għal kull missjunarju b'mod speċjali dawk li qegħdin jaħdmu f'żoni ta' faqar kbir u dawk li huma ppersegwitati.

Fil-missjoni Malta hija magħrufa bħala gżira żgħira b'qalb kbira. L-appell tal-Opri Missjunarji Pontifiċji jew MISSIO, kif inhuma magħrufa issa, hu meħud mill-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana, "Agħtini Nixrob" (Ġwanni 4:7). U l-Mulej qalilna "li min jagħtikom tazza ilma x'tixorbu ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu" (Mark 9:41). Din il-qalb kbira nistgħu nuruha wkoll fil-ġabra tal-missjoni li ssir fil-knejjes u permezz tal-*envelope* tal-missjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, llum 5 ta' Ottubru 2015.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |